illum
€0.51/ 22ċ
www.illum.com.mt
13 ta' Jannar 2008 • Nr 63



Vincenzo Iaquinta jitkellem ma' *illum* *paġna 38*

# Trid tara t-tifel li ħadulha 34 sena ilu

## L-Isqof t'Għawdex qed jinvestiga l-każ



Maria Scerri

Julia Farrugia

**Maria Scerri, Għawdxija ta' 50 sena li ilha għal aktar minn 30 sena tfittex lit-tifel tagħha, titkellem pubblikament dwar dan il-każ u ssostni li xi ħadd ħadilha lit-tarbija ftit minuti biss wara li wellditha. Fi storja ikkumplikata u b'ħafna trufijiet jirriżulta li t-tarbija kienet ingħatat għall-adozzjoni u sa llum ħadd ma jaf x'sar minnha.**

F'appell imqanqal l-omm tispjega li nqabdet tqila meta kellha biss 16-il sena. Tgħid li m'għandhiex ħjiel ta' meta preċiżament welldet lit-tarbija. Dan il-fattur għamilha aktar diffiċli biex wieħed jintraċċa lit-tifel.

Kemm hi kif ukoll ommha Ġanna, li llum għandha 75 sena, jiftakru li qassis Għawdxi, Dun Manwel Curmi, kien intervjena f'dan il-każ.

Biex in-nies ma ssekksix fuq dak li għal ħafna kien dnub għas-soċjetà l-qassis kien ħeġġeġ lill-familja biex sakemm twelled it-tifla tkun trasferita Malta fid-Dar tas-Sorijiet tal-Buon Pastur.

"Malli wellidt tawni t-tarbija f'idi għal żewġ minuti biss u wara ħaduhieli," issostni Maria ma' din il-gazzetta.

L-omm tgħid li qabel welldet il-qassis kien taha envelopp b'Lm 4 (€9.32).

"Kien qalli: 'dawn agħtihom lil ommok'," tisħaq Scerri.

Il-mara tgħid li wara kienet intalbet tiffirma karta. Sa llum hi ma tafx x'iffirmat għax la taf taqra u lanqas tikteb.

L-omm, li ftit wara li welldet marret tgħix l-Ingilterra, għadha tfittex lil binha u kull sena tinżel Għawdex bit-tama li ssib xi tagħrif dwaru. Madankollu Scerri kuldarba qed issib bieb magħluq mill-Awtoritajiet f'Malta u wkoll f'Għawdex.

*Illum* tiżvela li fl-aħħar jiem l-Isqof t'Għawdex Mario Grech intalab mill-avukat tal-familja Anton Refalo biex jintervjeni f'dan il-każ bit-tama li jkun intraċċat it-tifel ta' din il-mara.

F'kummenti lil din il-gazzetta Dun Eddie Attard, l-Assistent Personali ta' l-Isqof Mario Grech, sostna li "l-Isqof u n-nies tiegħu se jibqgħu jfittxu biex jaraw li jkun imħares id-dritt ta' din il-mara u t-tarbija li jaraw lil xulxin."

Fi żvolta ġdida, ftit sigħat qabel ma dħalna għall-istampar, din il-gazzetta, rnexxielha titkellem ma' Dun Manwel Curmi, il-qassis involut f'din l-adozzjoni li jagħti dettalji ġodda li sa llum din l-omm qatt ma kienet taf bihom.

*Ara l-istorja f'paġna 6*

Anglu Xuereb, l-impjegati u l-politika *paġna 3* • Tifla ta' 13-il sena l-ħabs *paġna 5* • L-għażla għall-Eurovision *paġna 9*

# Alfred Sant mid-dar fil-kontroll tal-partit

Kurt Sansone

**Minkejja li l-mexxej Laburista jinsab rikoverat id-dar xorta għadu involut fix-xogħol politiku ta' kuljum tal-Partit skond is-Segretarju Ġenerali Laburista Jason Micallef.**

F'intervista li qed tidher illum, Micallef jikkonferma għall-ewwel darba li Sant kellu tumur iżda ma jgħidx jekk il-mexxej Laburista hux se jkollu bżonn interventi mediċi oħra u jekk it-tumur kienx wieħed li jinfirex jew le.

Micallef itenni li l-aħbar li tahom Sant dwar l-intervent li kellu jsirlu ħolqot sitwazzjoni mhux faċli "la għall-persuna, la għall-qraba u lanqas għall-partit."

Dwar in-nuqqas ta' informazzjoni fuq il-kundizzjoni medika tal-mexxej, Micallef jgħid li l-ewwel konferenza stampa ngħatat madwar 40 minuta wara li saret l-operazzjoni u anki jekk il-kirurgu kien jaf ċerti dettalji xorta ried jistenna r-riżultati ta' testijiet oħra li wħud minnhom kellhom isiru barra minn Malta.

*Tkompli fuq paġna 3*

FORTINA Spa Resort ★★★★★

Dine Around the World!

At one of 6 restaurants
Good food
In
Great surroundings



Hibiki - Japanese Restaurant with Tappanyaki tables
CanThai - Thai and Chinese
Saregama - authentic Indian cuisine
Taste - Vietnamese & Mediterranean
Brasserie - French & Continental
il-Giardino - Pizzeria



Fortina Spa ResortTigné Seafront, Sliema Reservations 2346 6666 www.dinearoundtheworld.com

NEWSPAPER POST